# IZ-ZIJU NINU

## TIFKIRIET TA' VIC APAP

Ninu Cremona jiġi hu n-nanna tiegħi Teresa. Sa minn meta kont għadni tifel, kont inqis liz-"ziju Ninu" — kif kont u għadni nsejjaħlu — mhux bħala bniedem komuni. U dan għal ħafna raġunijiet. Għax sa minn ċkejken kont impressjonat bl-enerġija, il-ħidma bla hedu u l-ħeġġa tiegħu.

Waħda mill-ewwel tifkiriet taz-ziju Ninu, f'dak li għandu x'jaqsam l-ilsien Malti, kienet meta darba ġie jiekol għandna l-Belt u wara nofs in-nhar ħadni miegħu t-Teatru Manoel. Kien is-Sibt, it-3 ta' Frar 1923 meta l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ippreżentat "Kunċert Malti" li fih, fost bċejjeċ oħra, kienu nħadmu żewġ siltiet mid-dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa" taz-ziju Ninu. Bis-saħħa taz-ziju dak in-nhar smajt l-ewwel darba bil-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; kienet l-ewwel darba wkoll li smajt l-Innu Malti u l-ismijiet tat-tabib R. Samut u ta' Dun Karm; jista' jkun ukoll li dak in-nhar ħassejt tikbes f'qalbi l-ewwel xrara għall-palk. Ingħid is-sew, għalkemm ħadt pjaċir bix-xeni u bit-tiżwiq sabiħ tal-vestjarju, ta' tifel li kont ma stajtx ingħożż il-proża u n-nisġa li fih id-dramm ta' Cremona. Dan stajt nagħmlu snin wara meta moħħi kien aktar imħarreġ biex jifhem xogħol hekk għoli tal-letteratura tagħna

Ir-rabta tiegħi ma' Ninu Cremona ma kenitx biss rabta familjari, imma sviluppat ukoll f'rabta sħiħa u qawwija lejn dawk l-ideali li huma hekk għall-qalb tagħna t-tnejn: l-ilsien Malti u l-arti drammatika.

Meta kont għadni nistudja l-Liċeo, u sewwa sew fis-sena 1928, il-Gvern fetaħ l-ewwel klassi tal-Malti fil-klassijiet ta' filgħaxija. Jien kont fost dawk li marru jitgħallmu l-Malti taħt iz-ziju Ninu. Hemmhekk inżergħet fija l-imħabba għall-kitba, u kien b'riħet iz-ziju Ninu li bdejt naqra x-xogħlijiet ta' l-aħjar kittieba tal-Malti, kif ukoll sirt midħla tar-rivista letterarja "Il-Malti". Għadni niftakar fil-komponimenti li kont bdejt nikteb taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, u għadu quddiem għajnejja z-ziju Ninu fil-klassi meta bis-sabar kollu kien ifissrilna r-reguli ta' l-ortografija li f'dak iż-żmien kienu jidhru għalina t-tfal xi daqsxejn tqal. Naf li Cremona, meta snin wara kien jiftakar f'dik l-ewwel klassi tal-Malti fil-Liċeo, kien iħoss soddisfazzjon illi żerriegħa mitfugħa minnu għamlet il-ward u tat il-frott tagħha.



Dwar l-arti drammatika, inħossni kburi li kont jien li ppreżentajtlu, sew fuq il-palk kemm minn fuq ir-Rediffusion, ix-xogħlijiet drammatiċi tiegħu. Barra minn hekk, ftit tas-snin ilu, il-Kumpanija tar-Rediffusion qabbditni nagħżel l-aqwa fost l-atturi u attriċi Maltin biex tinħadem riduzzjoni tad-dramm "Il-Fidwa tal-Bdiewa". Smajt li din ir-reġistrazzjoni għadha merfugħa fid-diskoteka tad-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università tagħna.

Għalkemm iz-ziju Ninu ma għadux fostna, u jiena lħaqt biċċa sewwa mis-snin ta' l-irġulija, inħossni għadni midjun ma' dan il-qarib li nissel fija żewġ imħabbiet: l-imħabba għal ilsienna u l-imħabba għall-arti drammatika. Jiena żgur li bħali hawn ħafna oħrajn li għandhom għax jafuhulu lil Ninu Cremona għal dak kollu li għamel magħhom. Cremona għaraf jagħti minn qalbu dak li għalih kien tassew l-egħżeż.

---

## Estratt mill-Aġġornament tas-Seduta tal-Parlament Nru. 44 tat-Tlieta l-4 ta' Jannar, 1972

ONOR DR. A. BUTTIGIEG: Mr. Speaker, illum b'sogħba kbira sirna nafu bil-mewt tas-Sur Nin Cremona fl-età ta' 91 sena.

Is-Sur Nin Cremona kien bniedem mill-aktar prominenti fil-qasam ta' l-ilsien Malti; kien wieħed mill-fundaturi ta' l-Għaqda tal-Malti, il-lum l-Akkademja tal-Malti; kien wieħed minn dak il-Kumitat illi għamel l-alfabet li l-lum huwa l-alfabet uffiċjali u magħruf bħala l-"Alfabet ta' l-Għaqda"; kien għalliem tal-Malti; kien wieħed li, fl-1933, mela post mill-aktar importanti li kien proprju illi jgħallem il-Malti fil-Liċeo; kien eżaminatur fl-Università; kiteb f'kull qasam tal-letteratura Maltija: filoloġija, grammatika, folklore, poeżija, drama, novelli u anke storja; kiteb, fost l-oħrajn, l-unika storja li għandna ta' dak li jissejjaħ il-missier ta' l-ilsien Malti, Mikiel Anton Vassalli; kien anke l-editur tal-Malti u baqa' jaħdem sa l-aħħar ta' ħajtu. Dejjem ta mill-aħjar u mingħajr interess ta' xejn; anzi, bosta